# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-28 ta' Novembru, 2017.**

**Rikors Numru 925/2015**

**Avv. Dr Nicholas Valenzia bhala mandatarju specjali ta' *Fly Aviation Services DMCC*, socjeta estera registrata d-Dubai, UAE, b'numru ta' registrazzjoni JLT 4147**

**vs.**

**L-Avukat Dottor Pio M. Valletta bhala kuratur in rapprezentanza tal-kumpanija *estera Executive Authority for Special Flights*, gia maghrufa bhala *EACS – Executive Authority for Air Cargo Services and Special Flights* ta' Tripoli *International Airport, EastGate*, Tripoli, Libja.**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-30 ta' Settembru, 2015, li permezz tieghu l-mandatarju specjali *de quo* sintetikament espona s-segwenti, (ara foll 2):

1.1. Illi s-socjeta` li qieghed jirrapprezenta hi registrata Dubai u tipprovdi servizzi fil-kamp tal-avvjazzjoni civili u servizzi relatati;

1.2. Illi ghal diversi snin ipprestat servizzi lis-socjeta` intimata u lill-ajruplani taghha jew operati minnha, fosthom dawk "Bombardier" prezentament arrestati f'Malta;

1.3. Illi s-socjeta` intimata kienet thallas lis-socjeta` rikorrenti regolarment ghas-servizzi lilha minnha moghtija;

1.4. Illi sussegwentement waqfet taghmel dan, u prezentement hi debitrici tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta' zewg miljuni tliet mija u sebgha u sittin elf, sitt mija u tlieta u tmenin euro u tmin centezmi, (€2,367,683.08);

1.5. Illi l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti jirreferi ghal zewg (2) kontijiet li s-socjeta` intimata kellha miftuhin mas-socjeta` rikorrenti, (ara foll 7 u 9);

1.6. Illi s-somma *de quo* tinkludi imghaxijiet ta' hamsa fil-mija, (5%), fis-sena, kif pattwit bejn il-partijiet;

1.7. Illi ghalkemm interpellata biex thallas l-ammont minnha dovut, is-socjeta` intimata baqghet inadempjenti;

1.8. Illi l-pretensjoni tas-socjeta` rikorrenti hi kawtelata b'mandat t'arrest ta' ingenji tal-ajru, (ara foll 3);

1.9. Illi in vista tal-premess aderiet din il-qorti biex din:

1.9.1. Tiddikjara lis-socjeta` intimata *Executive Authority for Air Cargo Services and Special Flights*, (minn issa 'l quddiem EACS), hi debitrici tas-socjeta` rikorrenti *Fly Aviation Services*

*DMCC* (minn issa 'l quddiem FAS), fl-ammont ta' €2,367,683.08, fost l-ohrajn ghal servizzi ta' *flight coordination*, agenzija, *chartering*, *handling charges*, *air navigation charges*, spejjez u drittijiet imhallsa lil terzi, provvista ta' *fuel* u akkomodazzjoni;

1.9.2. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lil dik rikorrenti s-somma indikata fil-paragrafu precedenti;

1.9.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur, (ara foll 4);

2. Rat id-digriet taghha datat it-8 t'Ottubru, 2015, li permezz tieghu appuntat l-istess procedura ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 17);

3.0. Rat ir-risposta guramentata datata l-4 ta' Novembru, 2015, li permezz taghha l-kuratur in rapprezentanza tas-socjeta` intimata sintetikament irrisponda bil-mod segwenti, (ara foll 21);

3.1. Illi preliminarjament in-nuqqas ta' kompetenza tal-qorti odjerna *stante* li l-azzjoni *de quo* mhix ta' gurisdizzjoni tal-qrati ta' Malta;

3.2. Illi l-partijiet fil-kawza huma t-tnejn ta' nazzjonalita` barranija u mhux Ewropeja;

3.3. Illi l-azzjoni promossa mhix "*in rem*" izda "*in personam*" billi ma saritx kontra l-ingenji tal-ajru izda kontra s-socjeta` EACS;

3.4. Illi s-socjeta` intimata EACS mhix il-legittimu kontradittur billi l-prestazzjonijiet u servizzi li taghhom qed jintalab il-hlas ma gewx ordnati u kontrattati minnha, (ara foll 7 u 9);

3.5. Illi uhud mill-krediti reklamati huma perenti a bazi tal-artiklu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta (minn issa 'l quddiem Kap 16);

3.6. Salv risposti ulterjuri;

4. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datat is-6 t'April, 2017, li permezz tieghu talbu li jittrattaw l-eccezzjoni preliminari sollevata mis-socjeta` intimata, (ara foll 89);

5. Rat id-digriet taghha ukoll datat is-6 t'April, 2017, li permezz tieghu laqghet it-talba tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet indikata fil-paragrafu precedenti u wara talba ulterjuri appozita, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw din l-eccezzjoni preliminari bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 89), u kif sussegwentement estiza, (ara foll 90 u 93);

6. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat *nomine* datata t-8 ta' Mejju, 2017, (ara foll 91), flimkien ma dik tar-rikorrenti *nomine* datata t-30 ta' Mejju, 2017, (ara foll 96);

7. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet fir-rigward;

8. Ezaminat id-dokumenti relattivi prodotti;

Ikkunsidrat:

9.0. Illi essenzjalment din il-procedura tirrigwarda il-prezenti:

9.1. Illi s-socjeta` rikorrenti FAS registrata Dubai qed titlob l-ammont kosopikwu fuq indikat, (ara paragrafu numru wiehed punt disgha punt wiehed, (1.9.1.), aktar qabel), ghas-servizzi konnessi mal-avvjazzjoni;

9.2. Illi s-socjeta` intimata EACS eccepiet preliminarjament in-nuqqas ta' kompetenza tal-qorti odjerna *stante* li:

9.2.1. Il-kawza prezenti hi kawza *in personam* u mhux *in rem*;

9.2.2. Il-partijiet huma t-tnejn ta' nazzjonalita` barranija u mhux Ewropeja;

Ikkunsidrat:

10. Illi in vista tal-premess din hi biss sentenza ta' natura preliminari naxxenti in vista tal-eccezzjoni preliminari sollevata mis-socjeta` intimata, (ara foll 21);

Ikkunsidrat:

11. Illi s-socjeta` rikorrenti hi registrata fl-Emirati Arabi Uniti mad-*"Dubai Multi Commodities Center Authority"* taht il-licenzja Numru JLT 67959, bin-numru ta' registrazzjoni JLT 4147, (ara foll 82);

12. Illi inizjalment l-ammont pretiz mis-socjeta` rikorrenti kien dovut mis-socjeta` *United Aviation ai termini* ta' kuntratt bejn l-istess partijiet datat l-24 ta' Novembru, 2011, (ara foll 82 u foll 38 u 59);

13. Illi s-socjeta` *United Aviation* fuq indikata giet xolta u l-assi u l-obbligi taghha ghaddew ghand is-socjeta` intimata EACS, (ara foll 82);

14. Illi l-istess fatti indikati fil-paragrafu precedenti jirrizultaw ukoll assodati mid-deposizzjoni guramentata tad-Direttur Generali tal-istess socjeta` intimata fejn dan jirrizulta li sar permezz tar-risoluzzjoni numru 28/2014 tal-Kunsill tal-Ministri Libjan datata l-20 ta' Jannar, 2014, (ara foll 34);

Ikkunsidrat:

15. Illi f'dan l-istadju ssir referenza ghall-klawsola 19.2. tal-*Customer Contract for United Aviation* datat l-24 ta' Novembru, 2011, (ara foll 45 u 66), li jistabbilixxi s-segwenti:

> "Any dispute arising out of or related to this Agreement shall, except as otherwise provided herein, be submitted to the exclusive jurisdication of the English courts or, at Fly's sole option, either:
>
> (a) to the jurisdiction of the courts of the country of principle domicile of the Customer; or

(b) to the jurisdiction of the courts of the country in which any aircraft or other asset (including a bank account) of the Customer is or might at the instigation of Fly be located";

Ikkunsidrat:

16. Illi l-ajruplani Bombardier 5A – UAB u 5A – UAC prezentement arrestati f'Malta permezz tal-mandat numru 1432/2015 huma proprjeta` tas-socjeta` intimata, (ara foll 2, 3 u 34);

Ikkunsidrat:

17. Illi f'dan l-istadju ssir issa referenza ghall-artiklu 742 tal-Kap 12 li jistipula s-segwenti:

"(1) Bla hsara ta' fejn il-ligi tiddisponi espressament xort'ohra, l-Qrati Civili ta' Malta minghajr ebda distinzjoni jew privilegg, ghandhom gurisdizzjoni biex jisimghu u jiddeciedu l-kawzi kollha li jirrigwardaw il-persuni hawn taht imsemmija:

"(c) kull persuna, f'kawza dwar hwejjeg li qeghdin jew li jinsabu f'Malta;

"(g) kull persuna li tkun b'mod espress jew tacitu volontarjament qaghdet jew qablet li toqghod ghall-gurisdizzjoni tal-qorti";

18. Illi jirrizulta li l-ajruplani Bombardier jirrizultaw li fil-prezent jinsabu arrestati f'Malta;

19. Illi konsegwentement, l-artiklu 742(1)(c) tal-Kap 12 ghalhekk, jistabbilixxi li l-qrati lokali ghandhom gurisdizzjoni fir-rigward;

20. Illi *di piu`*, l-istess gurisdizzjoni tal-qrati lokali hi wkoll stabbilita taht l-artiklu 742(1)(g) tal-Kap 12 fuq riprodott *stante* li mill-klawsola 19.2. fuq citata jirrizulta abbundantement assodat li l-istess partijiet in kawza kienu qabblu li l-gurisdizzjoni tal-qrati

tkun ta' dak il-pajjiz fejn ajruplan tas-socjeta` hemm identifikata bhala "customer" – is-socjeta` intimata – ikun jinsab, (ara foll 45 u 66);

21. Illi ghalhekk il-gurisdizzjoni tal-qorti odjerna tirrizulta konfortata biz-zewg sub-artikli tal-artiklu 742 tal-Kap 12 fuq riprodotti;

Ikkunsidrat:

22. Illi f'dan l-istadju ssir ukoll referenza ghas-sentenza tal-***Prim' Awla tal-Qorti Civili*** fl-ismijiet, **Zealand Holdings Inc., socjeta` estera registrata fil-Liberja vs. Il-Bank esteru Amsterdam Trade Bank N.V., registrat fl-Olanda**, datata l-**11 ta' Dicembru, 2014**, li rriteniet li:

> "Hu ferm rari u ghal ragunijiet impellenti li l-Qrati Maltin indahlu fejn il-fehma tal-partijiet kienet cara mill-istess ftehim raggunt bejniethom meta huma ffirmaw il-ftehim. Il-principju ta' *pacta sunt servanda* ghandu jigi osservat";

23. Illi applikat l-insenjament surriferit ghall-procedura in dizamina jinghad li taht is-sahha tal-principju tal-liberta` kuntrattwali tal-partijiet, flimkien mal-principju li *pacta sunt servanda* li dejjem kienu rikonoxxuti u enforzati mill-qrati taghha, jirrizulta li anke f'dan il-kaz dawn il-principji jimmeritaw li jigu osservati;

24. Illi jirrizulta abbundantement assodat li l-klawsola 19.2. tal-ftehim fuq indikat tikkostitwixxi patt bejn il-partijiet li permezz tieghu intrabtu fejn kellhom jintavolaw il-proceduri li setghu jinholqu fic-cirkostanzi minnhom hemm specifikati;

25. Illi l-imsemmija klawsola tirrizulta li ghandha vigenti bejn il-partijiet u konsegwentement ghadha vinkolanti fuqhom;

Ikkunsidrat:

26.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti ma tqisx li l-intimat *nomine* ipprova l-eccezzjoni preliminari tieghu, u konsegwentement:

**DECIDE:**

26.1. Tirrespingi din l-eccezzjoni preliminari tal-intimat *nomine*;

26.2. Tirrizerva l-ispejjez ghall-istadju meta jigi epurat il-mertu tal-procedura odjerna;

26.3. Tiddifferixxi l-procedura *de quo* ghall-ezami tal-mertu ghall-udjenza pattwita mal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet wara li tisma' lill-istess fir-rigward.

____________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**